MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 288/2005

**Middlesea Insurance plc**

**vs**

**M.M.S. Limited bhala agenti u in rapprezentanza tal-vapur m/v Mika li wasal Malta mill-Italja fis-16 ta' Mejju tas-sena 2004,**
**U**
**The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, tmien mija u disgha u tletin Lira u tmienja u hamsin**

**centezmu, (LM4,839.58,0), ammont minnha mhallas lill-assigurat taghha, J.M. Vassallo Vibro Blocks Limited, in konnessjoni ma' nuqqasijiet u spejjez ohra sofferti mill-assigurat fil-merkanzija, konsistenti f'numru ta' bundles ta' l-azzar, minnu impurtati fuq il-vapur m/v Mika li wasal Malta fis-16 ta' Mejju tas-sena 2004, u li gew issurrogati fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;**

**Dan okkorrendo, previa dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li huma jew min minnhom, unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet li saru fil-merkanzija, kif intqal;**

**Bl-imghax mid-data li sar il-hlas lill-assigurat, sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-24 ta' Dicembru tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------